MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1253/2004

**Hansa Wines & Spirits Limited**

**vs**

**Charles u Anna konjugi Ciantar**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Gunju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u tnejn u erbghin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm1142.34) dovuti bhala prezz ta' oggetti ta' xorb lilhom mibjugha u konsenjati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji datati 12 ta' Dicembru 2003, l-1 ta' Jannar 2004 u 12 ta' Mejju 2004, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Ottubru 2003, u

bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u tnejn u erbghin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm1142.34) bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji datati 12 ta' Dicembru 2003, l-1 ta' Jannar 2004 u 12 ta' Mejju 2004, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Ottubru 2003 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------